



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.10.2020  
COM(2020) 686 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI KOMUNIKAZZJONI TAL-  
KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U  
LILL-KUNSILL**

**COVID-19**

**Gwida dwar persuni eżentati mir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux  
essenzjali lejn l-UE fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill  
2020/912 tat-30 ta' Ġunju 2020**

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**COVID-19**

**Gwida dwar persuni eżentati mir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/912 tat-30 ta' Ġunju 2020**

## **I. Introduzzjoni**

Fit-30 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni<sup>1</sup>.

Ir-Rakkomandazzjoni tgħid li meta restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar jibqgħu japplikaw għal pajjiż terz, il-kategoriji ta' persuni li għejjin jenħtieġ li jiġu eżentati mir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar, indipendentement mill-iskop tal-ivvjaġġar:

(a) ċittadini tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) TFUE u ċittadini ta' pajjiżi terzi li, skont ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u dawk il-pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, igawdu drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll il-membri tal-familja rispettivi tagħhom; kif ukoll

(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul skont id-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul, u persuni li jiksbu d-dritt tagħhom li jirrisjedu minn Direttivi oħra tal-UE jew mil-liġi nazzjonali jew li jkollhom viżi nazzjonali għal soġġorn twil, kif ukoll il-membri tal-familja rispettivi tagħhom.

Barra minn hekk, l-ivvjaġġar essenzjali jenħtieġ li jkun permiss għall-kategoriji speċifiċi ta' vjaġġaturi b'funzjoni jew ħtieġa essenzjali msemmija fl-Anness II tar-Rakkomandazzjoni.

It-taħditiet fir-Roundtable fil-livell ta' ħidma tal-Kunsill dwar ir-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) tal-14 ta' Settembru 2020 indikaw ħtieġa għal kjarifikazzjoni ulterjuri permezz ta' linji gwida interpretattivi. Din il-gwida hija bbażata fuq l-input u l-feedback mill-Istati Membri, inkluż mill-Presidenza tal-Kunsill.

Dan id-dokument jipprovdi gwida għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-persuni eżentati mir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE. B'mod partikolari, jipprovdi gwida dwar l-interpretazzjoni tat-terminu "membru tal-familja" fil-kuntest tal-membri tal-familja eżentati ta' ċittadini tal-Unjoni jew ta' residenti fit-tul fl-UE (it-II parti).

---

<sup>1</sup> ĠU L 208I, 1.7.2020, p. 1.

Barra minn hekk, jipprovdi gwida dwar il-kategoriji speċifiċi ta' vjaġġaturi b'funzjoni jew hteġa essenzjali elenkati fl-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (it-III parti), jiġifieri:

- l-ambitu tal-kategoriji, b'kont meħud tal-acquis rilevanti tal-UE; kif ukoll
- id-dokumenti jew evidenza oħra li tista' tintalab minn ċittadini ta' pajjiżi terzi biex juru li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji.

Din il-gwida ma teskludix li l-Istati Membri jistgħu jqisu li evidenza li mhix imsemmija espliċitament fiha tkun biżżejjed ukoll.

Fil-linji gwida tagħha dwar is-“servizz minimu” għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża minn kategoriji speċifiċi ta' applikanti matul il-perjodu ta' emerġenza tal-COVID-19<sup>2</sup>, il-Kummissjoni rakkomandat li l-Istati Membri jkomplu jaċċettaw applikazzjonijiet għal viża minn vjaġġaturi essenzjali, inklużi membri tal-familja koperti mid-Direttiva 2004/38/KE dwar il-Moviment Liberu<sup>3</sup> (minn hawn' il quddiem id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu.

## **II. Dħul għall-membri tal-familja (il-punt 5 tar-Rakkomandazzjoni)**

### **1. Dħul għall-membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni (il-punt 5(a) tar-Rakkomandazzjoni)**

#### **Kamp ta' Applikazzjoni:**

Għad-definizzjoni tat-terminu “membri tal-familja” ta' ċittadini tal-UE, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tirreferi għall-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu. Il-kategoriji tal-membri tal-familja (ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi) imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa' u mhumiex limitati b'definizzjonijiet u kunċetti fil-liġi nazzjonali<sup>4</sup>. Dan japplika wkoll għall-kategorija ta' sħab f'“relazzjoni stabbli, debitament ċertifikata”. Għaldaqstant, skont ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jiffaċilitaw ir-riunifikazzjoni ta' sħab debitament iċċertifikati, irrispettivament mill-post ta' residenza taċ-ċittadin ta' pajjiżi terzi.

---

<sup>2</sup>Gwida dwar l-implimentazzjoni tar-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE, dwar il-faċilitazzjoni tal-arranġamenti ta' tranżitu għar-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini tal-UE, u dwar l-effetti fuq il-politika dwar il-viżi, C(2020)2050

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE.” (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

<sup>4</sup> Ara l-kawżi C-673/16, Coman; C-129/18, SM.

Filwaqt li r-Rakkomandazzjoni nnifisha hija strument legali nonvinkolanti, id-Direttiva dwar il-Moviment Liberu tapplika għaċ-ċittadini tal-UE li eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu fl-UE, b'mod partikolari meta jirrisjedu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, u għall-membri tal-familja tagħhom. Fuq din il-bażi, dawn il-membri tal-familja huma intitolati li jakkumpanjaw jew jingħaqdu ma' qrabathom fl-Istat Membru kkonċernat.

Hemm żewġ xenarji rilevanti għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu barra mill-UE li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-UE:

**a) Iċ-ċittadin tal-UE jkun eżerċita d-dritt tiegħu għall-moviment liberu (b'mod partikolari, meta jirrisjedi fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru ta' oriġini tiegħu):**

Kif stabbilit hawn fuq, l-obbligi rigward id-dħul u r-residenza ta' membri tal-familja ta' ċittadini mobbli tal-UE, inklużi sħab stabbli, diġà jeżistu abbażi tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux jillimitaw id-drittijiet korrispondenti meta jipproċessaw id-dħul ta' tali membri tal-familja bħala implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Il-kategoriji tal-membri tal-familja elenkati fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu, li għalihom jirreferi l-punt 5 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, huma dawn li ġejjin.

Membri tal-familja tal-qalba

L-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu jiddefinixxi t-terminu "membru tal-familja" bħala:

- a) ir-raġel jew martu;
- b) is-sieħeb/sieħba li daħal/daħlet f'kuntratt ta' unjoni reġistrata maċ-ċittadin/a tal-Unjoni, skont il-bażi tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ospitanti tikkonsidra bħala ugwali għal żwieġ l-unjonijiet reġistrati u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Istat Membru ospitanti;
- c) id-dixxendenti diretti li għandhom inqas minn 21 sena jew li huma dipendenti u dawk tar-raġel jew tal-mara jew tas-sieħeb/sieħba kif imfissra fil-punt (b);
- d) il-qraba diretti dipendenti u dawk tar-raġel jew tal-mara jew tas-sieħeb/sieħba kif imfissra fil-punt (b);

L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jaċċettaw id-dħul ta' tali membri tal-familja, inkluż, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt b), is-sieħeb li miegħu ċ-ċittadin tal-UE għandu sħubija reġistrata.

Membri tal-familja dipendenti

Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu jirrikjedi li l-Istati Membri jiffaċilitaw, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħhom, id-dħul u r-residenza ta' kwalunkwe membru ieħor tal-familja minbarra dawk elenkati hawn fuq bħala "membri tal-familja tal-qalba", irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, li, fil-pajjiż minn fejn ikunu

ġejjin, huma dipendenti jew membri tal-unità domestika ta' ċittadin tal-Unjoni li jkollu d-dritt primarju ta' residenza, jew fejn raġunijiet serji ta' saħħa jeħtieġu strettament il-kura personali tal-membri tal-familja miċ-ċittadin tal-Unjoni.

### Relazzjonijiet stabbli

L-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu jinkludi wkoll ir-rekwiżit li jiġi ffaċilitat id-dħul, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, għas-*“sieħeb li miegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni għandu relazzjoni stabbli, debitament ċertifikata”*.

Kif spjegat fil-Gwida tal-2009 għal traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38/KE<sup>5</sup>, tali sħab mhux miżżewġin jistgħu jintalbu jippreżentaw evidenza dokumentata li turi li huma sħab ta' ċittadin tal-UE u li s-sħubija hija waħda durabbli. L-evidenza tista' tiġi pprovduta bi kwalunkwe mezz xieraq. L-evidenza possibbli għandha tinkludi, pereżempju, dikjarazzjoni konġunta tas-sħab, prova ta' laqgħat preċedenti u investimenti komuni; Ir-rekwiżit ta' durabbiltà tar-relazzjoni jrid jiġi evalwat fid-dawl tal-għan tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu li tinżamm l-unità tal-familja f'sens wiesa'. Ir-regoli nazzjonali dwar id-durabbiltà tas-sħubijiet jistgħu jirreferu għal ammont minimu ta' żmien bħala kriterju għal jekk sħubija tistax titqies bħala durabbli. Madankollu, jenħtieġ li f'dan il-każ ir-regoli nazzjonali jipprevedu li jitqiesu wkoll aspetti rilevanti oħra (bħal pereżempju kirja jew ipoteka konġunta għal dar) fil-valutazzjoni ġenerali<sup>6</sup>.

### **b) Meta ċittadin tal-UE ma jkunx eżerċita d-drittijiet ta' moviment liberu (b'mod partikolari, meta jkun qed joqgħod fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza tiegħu)**

F'dan ix-xenarju, tapplika l-liġi nazzjonali minflok id-dritt tal-Unjoni għad-dħul ta' membri tal-familja ċittadini ta' pajjiżi terzi ta' ċittadini tal-UE, inklużi sħab mhux miżżewġin, minħabba li dawn iċ-ċittadini jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Moviment Liberu.

Madankollu, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jittrattaw tali membri tal-familja bħal daww taċ-ċittadin mobbli tal-UE, li għandha tippermetti wkoll lill-Istati Membri jevitaw il-piż amministrattiv li jirriżulta mill-ħtieġa li jiġu applikati proċeduri differenti.

### Evidenza possibbli għal sħab mhux miżżewġin:

- dikjarazzjoni konġunta tas-sħab dwar ir-relazzjoni tagħhom;
- prova ta' laqgħat preċedenti (eż. permezz ta' timbri tal-passaport u dokumenti tal-ivvjaġġar);

<sup>5</sup> COM (2009) 313 final tat-2.7.2009.

<sup>6</sup> Gwida tal-2009 għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38/KE, paġna 4.

- id-durata minima tar-relazzjoni f'każ li jeżistu kriterji nazzjonali f'dan ir-rigward (għandu jitqies il-fatt li issa r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar ilhom fis-seħħ għal aktar minn sitt xhur u se jkomplu); jew
- kuntratt ta' kiri konġunt, kont bankarju konġunt.

## **2. Dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom (il-punt 5(b) tar-Rakkomandazzjoni)**

Il-punt 5(b) tar-Rakkomandazzjoni għandu jinftiehem li jkopri ċittadini ta' pajjiżi terzi li:

- ikollhom viża jew permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru skont l-acquis tal-UE dwar il-migrazzjoni legali, jiġifieri d-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, id-Direttiva 2003/109/KE dwar residenti għat-tul, id-Direttiva 2009/50/KE dwar il-Karta Blu tal-UE, id-Direttiva 2014/36/UE dwar il-ħaddiema staġjonali, id-Direttiva 2014/66/UE dwar ħaddiema bi trasferiment intraazzjendali u d-Direttiva (UE) 2016/801 dwar studenti, riċerkaturi, trainees, voluntiera, skulari u au pairs.

Dan jimplika wkoll li ċittadini ta' pajjiżi terzi, u fejn applikabbli, il-membri tal-familja tagħhom, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-ammissjoni stipulati f'dawk id-direttivi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom sabiex jingħataw tali viża jew permess ta' residenza, u sussegwentement jiġu eżentati mir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar;

jew

- ikollhom permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil maħruġa minn Stat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

Dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jitħallew jgħaddu minn Stati Membri oħrajn biex jilhqnu l-Istat Membru li ħareġ il-viża jew il-permess ta' residenza.

## **III. Kategoriji speċifiċi ta' vjaġġaturi b'funzjoni jew ħtieġa essenzjali — l-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/912**

Il-lista fl-Anness II tal-kategoriji speċifiċi ta' vjaġġaturi b'funzjoni jew ħtieġa essenzjali hija maħsuba biex tqis il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u soċjali li ċittadini ta' pajjiżi terzi jista' jkollhom biex jivvjaġġaw lejn l-UE, kif ukoll l-interess ekonomiku u soċjali li l-UE jista'

jkollha biex tippermetti lil dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jidħlu fl-UE. Għall-kuntrarju tal-lista ta' pajjiżi terzi fl-Anness I li għalihom tista' titneħħa r-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE, il-lista ta' kategoriji fl-Anness II għandha tiġi applikata kompletament mill-Istati Membri. **L-Istati Membri għandhom jippermettu l-ivvjaġġar għall-kategoriji kollha elenkati hemmhekk, u mhux biss għal xi wħud minnhom.**

Il-gwida dwar il-kategoriji elenkati hawn taħt, kif ukoll dwar il-provi li għandhom jingħataw, mhijiex maħsuba li tkun eżawrjenti. L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw interpretazzjoni wiesgħa kemm tal-kamp ta' applikazzjoni kif ukoll tal-evidenza possibbli, huma u jżommu f'moħħhom li l-evidenza pprovduta għandha tippermetti lill-awtoritajiet jistabbilixxu rabta diretta mal-attivitajiet li għalihom jingħata aċċess.

**1. Il-professionisti tal-kura tas-saħħa, riċerkaturi tas-saħħa, u professionisti tal-kura tal-anzjani;**

**Kamp ta' Applikazzjoni:** Din il-kategorija għandha tkopri persuni b'funzjoni jew hteġa essenzjali, inklużi professionisti tal-kura tas-saħħa, riċerkaturi tas-saħħa, u professionisti tal-kura tal-anzjani, inklużi dawn li ġejjin:

- il-professionisti tas-saħħa inkluż il-professionisti paramediċi;
- il-ħaddiema tal-kura personali fis-servizzi tas-saħħa, inkluż il-ħaddiema tal-kura tat-tfal, tal-persuni b'diżabbiltà u tal-anzjani;
- ix-xjenzati fl-industrija marbuta mas-saħħa;
- il-ħaddiema fl-industrija farmaċewtika u tal-apparat mediku; kif ukoll
- il-ħaddiema involuti fil-provvista ta' merkanzija, partikolarment għall-katina ta' provvista tal-mediċini, provvisti mediċi, apparat mediku, u tagħmir protettiv personali, inkluż fl-installazzjoni u l-manutenzjoni tagħhom.

**L-evidenza possibbli tinkludi:** kuntratt ta' impjieg, konferma mill-impjegatur, stedina minn ospitant għall-ħaddiema tal-kura personali, awtorizzazzjoni għax-xogħol jew permess tax-xogħol.

**2. Ħaddiema tal-fruntiera**

**Kamp ta' Applikazzjoni:** Din il-kategorija għandha tkopri l-ħaddiema li jkollhom jaqsmu l-fruntiera ta' Stat Membru iżda li jirritornaw kuljum jew mill-inqas darba fil-ġimgħa, lejn pajjiż terz li jgħixu fih u li jkunu ċittadini tiegħu.

**L-evidenza possibbli tinkludi:** kuntratt ta' impjieg, konferma mill-impjegatur, awtorizzazzjoni għax-xogħol jew il-permess tax-xogħol.

### **3. Ħaddiema staġjonali fl-agrikoltura**

**Kamp ta' Applikazzjoni:** Din il-kategorija għandha tkopri ċittadini ta' pajjiżi terzi li jżommu l-post ta' residenza prinċipali tagħhom f'pajjiż terz u joqogħdu legalment u temporanjament fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE biex iwettqu xogħol agrikolu jew tal-akkwakultura, taħt kuntratt ta' xogħol konkluż direttament bejn dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-impjegatur stabbilit f'dak l-Istat Membru tal-UE.

**L-evidenza possibbli tinkludi:** kuntratt tal-impjieg, konferma minn min iħaddem, awtorizzazzjoni għax-xogħol jew il-permess tax-xogħol, eċċ.

### **4. Persunal tat-trasport**

**Ambitu:** Ir-restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar m'għandhomx japplikaw għall-persunal tat-trasport, anke meta jkun qed jivvjaġġaw lejn jew mill-vettura, inġenju tal-ajru jew bastiment tagħhom (sabiex iwettqu, jew wara li jlestu, operazzjoni ta' trasport). Din il-kategorija għandha tiġi interpretata b'mod wiesa'. Għandha tkopri b'mod partikolari:

- is-sewwieqa tal-karozzi, tal-vannijiet u tal-muturi, is-sewwieqa tat-trakkijiet tqal u tal-karozzi tal-linja (inkluż is-sewwieqa tal-karozzi tal-linja u tat-trammijiet) u s-sewwieqa tal-ambulanzi, inkluż dawk is-sewwieqa li jittrasportaw l-assistenza offruta fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u dawk li jittrasportaw liċ-ċittadini ripatrijati tal-UE minn Stat Membru ieħor lejn il-post tal-orijini tagħhom;
- il-bdoti tal-linji tal-ajru, l-ekwipaġġ tal-kabina u l-persunal tal-manutenzjoni;
- is-sewwieqa tal-ferroviji u persunal ieħor abbord; il-ħaddiema tal-ispezzjoni tal-vaguni, il-persunal tal-workshops tal-manutenzjoni kif ukoll il-persunal tal-manigiers tal-infrastruttura involut fil-ġestjoni tat-traffiku u fl-allokkazzjoni tal-kapaċità; kif ukoll
- ħaddiema marittimi u tan-navigazzjoni interna, inklużi kaptani, persunal tal-ekwipaġġ u tal-manutenzjoni, sakemm dawn ma jkunux koperti mill-kategorija viii (il-baħħara).

**L-evidenza possibbli tinkludi:** kuntratt tal-impjieg, konferma minn min iħaddem, dokument tal-identità (badge) maħruġ minn min iħaddem, liċenzja ta' bdot, ċertifikat ta' membru tal-ekwipaġġ, ordni tat-trasport (fil-każ ta' sewwieqa li jaħdmu għal rashom), awtorizzazzjoni għal xogħol jew għal permess tax-xogħol.



5. **Diplomatiċi, persunal ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u persuni mistiedna minn organizzazzjonijiet internazzjonali li l-preżenza fiżika tagħhom hija meħteġa għall-funzjonament tajjeb ta' dawn l-organizzazzjonijiet, persunal militari u ħaddiema tal-għajnuna umanitarja u persunal tal-protezzjoni ċivili fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom;**

**Ambitu:** Din il-kategorija għandha tkopri d-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizzi/karti tal-identità maħruġa minn pajjiżi terzi jew mill-Gvernijiet tagħhom rikonoxxuti mill-Istati Membri, kif ukoll id-detenturi ta' dokumenti maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali, meta jivvjaġġaw biex iwettqu l-funzjoni tagħhom.

**L-evidenza possibbli tinkludi:** passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew tas-servizz/karti tal-identità maħruġa minn pajjiżi terzi jew il-gvernijiet tagħhom u rikonoxxuti mill-Istati Membri, kif ukoll dokumenti maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- laissez-passer tan-Nazzjonijiet Uniti maħruġ lill-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti u aġenziji subordinati, skont il-Konvenzjoni dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' Aġenziji Speċjalizzati, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-21 ta' Novembru 1947 fi New York;
- ċertifikat ta' leġittimità maħruġ mis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa;
- dokumenti maħruġa skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu III tal-Ftehim bejn il-Partijiet għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana dwar l-Istatus tal-Forza tagħhom (karti tal-identità militari akkumpanjati b'ordni għall-ivvjaġġar, mandat għall-ivvjaġġar jew ordni għal moviment kollettiv) kif ukoll dokumenti maħruġa fil-qafas tas-Sħubija għall-Paċi; jew
- kuntratt tal-impjieg, konferma minn min iħaddem, ittra ta' missjoni.

6. **Passiġġieri fi tranżitu**

**Ambitu:** Ċittadini ta' pajjiżi terzi, li għandhom permess ta' dħul validu għall-pajjiż ta' destinazzjoni (eż. viża uniformi), irrISPETTIVAMENT min-nazzjonalità tagħhom, li jeħtieġ li jgħaddu mill-UE għandhom ikunu permessi tranżitu ulterjuri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn il-pajjiż ta' orijini tagħhom jew lejn il-pajjiż ta' residenza tal-UE, u jippermettu tul ta' żmien raġonevoli/realistiku ta' tranżitu (jista' jkun hemm bżonn ta' waqfa ta' lej). Minħabba d-disponibbiltà mnaqqsa ta' titjiriet kummerċjali diretti, it-"tranżitu ulterjuri" għandu jkopri kwalunkwe mezz ta' trasport.

**L-evidenza possibbli tinkludi:** prova ta' vjaġġ ulterjuri, bħal biljett tat-trasport, biljett tal-imbarkazzjoni.

## **7. Passiġġieri li jivvjaġġaw minħabba raġunijiet imperattivi ta' familja;**

**Ambitu:** Peress li ma tista' tiġi stabbilita l-ebda lista eżawrjenti ta' raġunijiet familjari obligatorji possibbli, din il-kategorija għandha tiġi interpretata b'mod wiesa' u vvalutata fuq bażi individwali. Fost l-oħrajn tista' tinkludi l-ivvjaġġar għal drittijiet ta' kustodja jew ta' żjara għat-tfal kif ukoll l-attendenza skolastika tat-tfal, l-għajnuna ta' emerġenza għal membru tal-familja, tieġ tal-persuna li qed tivvjaġġa jew ta' membru qarib fil-familja, twelid jew funeral ta' membru tal-familja.

**L-evidenza possibbli tinkludi:** varjetà wiesgħa ta' dokumenti differenti, pereżempju, kopji ta' dokumenti rilevanti, bħal: prova tad-dritt ta' kustodja tat-tfal, prova ta' residenza tal-ġenitur viżitatur u tat-tfal miżjura, il-pubblikazzjoni u l-istedina tat-tieġ, iċ-ċertifikat tad-data mistennija tal-konsenja, iċ-ċertifikat tat-twelid jew tal-mewt.

## **8. Baħħara**

**Ambitu:** Din il-kategorija għandha tkopri ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom dokument tal-identità tal-baħħara maħruġ skont il-Konvenzjoni dwar id-Dokumenti tal-Identità tal-Baħħara tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) Nru 108 (1958) jew Nru 185 (2003), il-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (Konvenzjoni FAL) u l-liġi nazzjonali rilevanti, Ftehim dwar l-Impjiegi tal-Baħħara skont il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-ILO, konferma minn min iħaddem jew Ċertifikat għall-Ħaddiema tat-Trasport Internazzjonali kif anness mal-Komunikazzjoni dwar il-Korsiji Ħodor (C/2020/1897). Għandha tkopri wkoll persunal tas-servizz u ta' manutenzjoni fit-trasport marittimu sakemm dan ma jkunx diġà kopert mill-kategorija iv (il-persunal tat-trasport).

**L-evidenza possibbli tinkludi:** dokument tal-identità tal-baħħara, Ftehim dwar l-Impjiegi tal-Baħħara, konferma mill-impjegatur, Ċertifikat għall-Ħaddiema tat-Trasport Internazzjonali, dokumentazzjoni li turi l-għan tal-vjaġġ, bħal (kopja ta') kuntratt tax-xogħol.

## **9. Persuni fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jew għal raġunijiet umanitarji oħra**

**Ambitu:** Ir-restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar jenħtieġ li ma japplikawx għal persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jew għal raġunijiet umanitarji oħra.

Restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar m'għandhomx japplikaw lanqas għal persuni li jivvjaġġaw sabiex jirċievu kura medika essenzjali.

Peress li ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu f'pożizzjoni li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali mal-wasla fl-UE, **m'għandha tkun meħtieġa l-ebda evidenza għal din il-kategorija.**

Għall-kura medika essenzjali, dikjarazzjoni li tafferma l-ħtieġa tal-persuna għal kura medika essenzjali minn tabib reġistrat fi Stat Membru, fin-Norveġja, fl-Iżlanda, il-Liechtenstein jew l-Iżvizzera.

#### **10. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw għal skopijiet ta' studju**

**Ambitu:** Din l-eċċezzjoni hija fformulata b'mod wiesa' u għalhekk, ma tkoprix biss l-istudenti attwali iżda l-persuni kollha li jivvjaġġaw sabiex iwettqu studju jew taħriġ ta' kwalunkwe tip, jekk debitament ġustifikat.

Din l-eċċezzjoni għandha tkopri studenti li huma definiti fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-UE 2016/801 dwar l-Istudjanti u r-Riċerkaturi bħala "ċittadin ta' pajjiżi terzi li jkun ġie aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja u li jkun ammess fit-territorju ta' Stat Membru biex iwettaq bħala attività prinċipali kors ta' studju full-time li jwassal għal kwalifika ta' edukazzjoni oġġla rikonoxxuta minn dak l-Istat Membru, inklużi diplomi, ċertifikati jew lawrji dottorali f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja, li tista' tkopri kors preparatorju qabel tali edukazzjoni, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jew taħriġ obbligatorju."

L-eċċezzjoni tista' tkopri wkoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li jġu għall-iskop ta' studju jew taħriġ iżda li ma jaqgħux taħt din id-definizzjoni.

Ma hemm l-ebda tul ta' żmien minimu fir-rigward tat-tul tal-istudji. B'mod partikolari, u abbażi tal-lingwa użata skont dan il-punt tal-Anness II, ma hemm l-ebda raġuni li tirrikjedi li l-istudji jridu jkopru sena akkademika sħiħa jew semestru sħiħ.

**L-evidenza possibbli tinkludi:** prova ta' reġistrazzjoni, stedina għal reġistrazzjoni, karta tal-istudenti rikonoxxuta jew ċertifikat rikonoxxut għall-korsijiet biex wieħed jattendi, ċertifikat ta' reġistrazzjoni f'istitut tat-tagħlim għall-finijiet ta' attendenza għal korsijiet vokazzjonali jew teoretiċi fil-qafas ta' taħriġ bażiku u taħriġ ulterjuri.

#### **11. Ħaddiema ta' pajjiżi terzi bi kwalifiki għolja jekk l-impjeg tagħhom ikun meħtieġ minn perspettiva ekonomika u x-xogħol ma jkunx jista' jiġi pospost jew isir f'pajjiż ieħor**

**Ambitu:** Din l-eċċezzjoni tkopri ħaddiema li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u li, minħabba l-livell għoli ta' ħiliet u għarfien tagħhom, huma meħtieġa biex jikkontribwixxu għall-irkupru ekonomiku tal-UE wara l-COVID. Dan jista' jinkludi dawk li l-applikazzjoni tagħhom għal permessi skont id-Direttiva 2009/50 dwar il-Karta Blu tal-UE, id-Direttiva 2014/66 dwar l-ICT tal-UE, id-Direttiva 2016/801 bħala Riċerkaturi, jew taħt skema nazzjonali għal migranti tas-sengħa kienet approvata, iżda li sa issa ma tħallewx jidħlu fl-UE minħabba l-projbizzjoni fuq id-dħul.

Abbażi tal-feedback li wasal mingħand l-Istati Membri, għandu jiġi inkluż dan li ġej:

- atleti professjonali u l-persunal tagħhom għall-kompetizzjonijiet fl-Istati Membri (anke jekk mhux impjegati);
- artist/artisti professjonali, inkluż kwalunkwe membru tal-persunal tekniku li jakkumpanja l-artisti/artisti professjonali,
- ġurnalisti internazzjonali li għandhom ikunu personalment, fiżikament preżenti sabiex jirrapportaw aħbarijiet kurrenti,
- esperti, riċerkaturi u xjentisti; kif ukoll
- ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw għal skopijiet ta' negozju (inkluż attendenza għal Fieri Kummerċjali u Wirjiet, testijiet ta' aċċettazzjoni u taħriġ intern għall-ikkummissjonar ta' investiment ġdid fl-UE għal raġunijiet ekonomiċi), jekk il-vjaġġ ma jistax jiġi pospost jew jekk in-negozju huwa mwettaq minn barra l-pajjiż.

**L-evidenza possibbli tinkludi:** kuntratt ta' impjieg, awtorizzazzjoni għal xogħol jew permess tax-xogħol, konferma minn min iħaddem tal-ħtieġa li jivvjaġġa, stedina minn organizzazzjoni sportiva, stedina minn ditta jew awtorità biex jattendu laqgħat/konferenzi jew avvenimenti marbuta mal-kummerċ, l-industrija jew is-servizzi, stedinet, biljetti tad-dħul, reġistrazzjonijiet jew programmi li jiddikjaraw kull fejn possibbli l-isem tal-organizzazzjoni ospitanti u t-tul tas-soġġorn jew kwalunkwe dokument ieħor xieraq li jindika l-għan taż-żjara, il-kuntratti tal-esebitur ma' — jew l-ammissjoni għal — Federazzjoni tal-Kummerċ Internazzjonali, kard tal-istampa minn Federazzjoni Internazzjonali.